MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 198/2012

**Maria Rita Gado (K.I. 80874M)**
**Vs**
**Jasel Al Zghoul**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li s-Sur Sami El Amadi kien sellef xi flus lis-Sur Jasel Al Zghoul meta kien il-Jordan illi huwa l-pajjiz iz-zewg imsemmija. Dan kien jammonta ghal madwar 3,000 dinar. Dan skont ma kien qal Sami Amadi lil Dr Deborah Schembri meta kellmitu dwar il-kaz in kwistjoni; Sami Amadi kien xtaq jigi Malta biex jiltaqa' mal-attrici li kien jafha mill-*internet*. Siehbu Jasel kien diga jinstab Malta u kien qal lill-attrici illi biex Sami jkun jista' jigi Malta kellu bzonn tlett mitt ewro (€300). Sami qatt ma kien kellem lill-attrici li kien nieqes mill-flus ghalkemm kien jghidilha li qieghed jghinu biex jigi Malta Jasel. Hija qatt ma qaltlu illi kienet hija li qieghda tohrog il-flus ghaliex Jasel kien jghidilha li jekk tghidlu li qed tohroghom hi Sami ma kienx jigi. Jasel qalilha illi

dawn il-flus hu kien ser iroddhomlha lura. Il-process biex jigi Malta kien aktar ikkumplikat milli mistenni u ha anke aktar fit-tul. In fatti Sami El Amadi kien telaq mill-Gordan ghall-Egittu u mill-Egittu ghall-Libja fejn huwa dam tlett (3) xhur qabel ma gie Malta. F'dan il-perjodu Jasel kien jghidilha illi Sami kellu bzonn flus ghall-VISA, flus biex jghix u biex ikollu saqaf fuq rasu u li kellu bzonn il-flus biex jghaddihomlu. Huwa qal lill-attrici illi kellu jerga l-bzonn illi jissellef minghandha u l-attrici selfitu l-flus f'ammonti mqassmin fuq perjodu ta' cirka sitt (6) xhur. L-ammont kumplessiv illi l-attrici selfet lill-Jasel kien ta' hamest elef ewro (€5,000); il-bicca l-kbira hi kienet tmur tghaddihomlu (cash) u kontanti fid-dar tieghu fil-Gzira. Maghha kien ikun hemm Claire Vella u Josephine Fahmi, habiba taghha li llum residenti l-Germanja. Gieli dawn il-flus kienet marret ittihomlu Claire; Sami Amadi gie Malta u hmistax wara l-attrici qaltlu illi hi kienet sellfet il-flus lil Jasel biex igibu Malta. Hu qalilha illi hu ma jaf b'xejn minn dan kollu u li fil-fatt hu ma kienx ircieva hames t'elef (€5,000) ewro izda ammont inferjuri sew ghal dan; meta nterpellat ihallas Jasel Al Zghoul ma hallasx u permezz ta' ittra mill-avukat tieghu baghat jghidilha illi l-ammont ta' hames t'elef (€5,000) ma kienx misluf lilu personalment izda gie mghoddi minnha lilu ghal Amir El Amadi. Dan mhuwiex minnu u ghalhekk qed issir din it-talba.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-7 ta' Novembru, 2012 mill-Avukat Deborah Schembri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra n-nota fejn l-attrici rriduciet l-ammont ghal tliet elef erba' mija hamsa u disghin ewro (€3,495) u dan ghal-finijet ta' kompetenza

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tliet elef erba' mija hamsa u disghin ewro (€3,495) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------